**A.L. 173 ta' l-2004**

## ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

### Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti Dwar is-Sigurtà Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzoni

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2004 Dwar is- Sigurtà Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzjoni, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2003 Dwar is- Sigurtà Nukleari u l-Protezzjoni mir-Radjazzjoni, msejjħa bħala "r-regolamenti prinċipali". Titolu, bidu fis-seħħ u skop. A.L. 44 ta' l-2003.

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ fit-30 ta' April, 2004.

(3) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-Direttiva 96/29/Euratom dwar Standardi ta' Sigurta' Bażika u d-Direttiva 90/641/Euratom dwar Ħaddiema Barranin.

**2.** Din it-tifsira li ġejja għandha tidħol wara t-tifsira "attivazzjoni" fis-subregolament (1) tar-regolament numru 3 tar-regolamenti prinċipali:- Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

"attivitajiet minn ħaddiem barrani" tfisser kull servizz mogħti minn ħaddiem barrani f'post ikkontrollat u li għalih ikun responsabbli min iħaddem nies f'xogħol ta'radjazzjoni;

**3.** Dwar is-subregolament li ġej għandu jiddaħħal minnufih wara s-subregolament (5) tar-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali:- Jemenda r-regolament 20 tar-regolamenti prinċipali.

"(6) L-ebda persuna ma tista' iżżid apposta sustanzi radjoattivi fil-produzzjoni ta' ikel, ġugarelli, ornamenti personali u prodotti kosmetiċi, jew timporta jew tesporta dawk l-oġġetti jekk dawn ikun fihom sustanzi radjoattivi miżjuda."

Jemenda r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Dawn il-provisos li ġejjin għandhom jidħlu minnufih fi tmiem ir- regolament 25 tar-regolamenti prinċipali:-

"Iżda -

(1) għal radjazzjoni esterna, l-valuri u relazzjonijiet ta' Anness II tad-Direttiva 96/29/Euratom, dwar Standardi ta' Sigurtà Bażika għandhom ikunu użati għal stima tad-dożi effettivi u ekwivalenti; u

(2) għal radjazzjoni interna minn radjonuklidu jew minn taħlita ta' radjonuklidi, il-valuri u relazzjonijiet ta' Annessi II u III tad-Direttiva 96/29/Euratom, dwar Standardi ta' Sigurta' Bażika, jistgħu jkunu wżati għal stima tad-dożi effettivi."

Jemenda r-regolament 28 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Minflok il-paragrafu (1) (b) tar-regolament 28 tar-regolament prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"(b) kategorija B: dawk il-ħaddiema esposti li għalqu t-tmintax-il sena u li mhumiex klassifikati bħala ħaddiema esposti tal-kategorija A."

Jemenda r-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali.

**6.** Minflok is-subregolament (3) tar-regolament 44 tar-regolament prinċipali għandu jidħol dan li ġej:-

"(3) Bl-iskop li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti, tabib approvat jew servizz tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol approvat għandu jkollu aċċess għal kull informazzjoni rilevanti li jkun jeħtieġ, inkluż kull informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet ambjentali li jkunu jeżistu fuq il-post tax-xogħol."